

Brussell, 26 ta' Mejju 2021  
(OR. en)

9114/21

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2021/0108(NLE)**

---

---

**FISC 88**  
**ECOFIN 505**  
**ENER 232**  
**TRANS 323**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	8324/21 - COM(2021) 209 final
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lin-Netherlands japplikaw rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku fornut direttament lill-bastimenti rmiġġati f'port f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE - Adozzjoni

---

1. Fid-29 ta' April 2021 il-Kunsill irċieva l-proposta tal-Kummissjoni<sup>1</sup> dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.
2. Ma tqajmet l-ebda oġġezzjoni kontra s-sustanza ta' din id-deroga fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Tassazzjoni Indiretta).
3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill:
  - jadotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni msemmija hawn fuq kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 8752/21 bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss;

---

<sup>1</sup> Dok. 8324/21.

- jiddeċiedi, minħabba l-urġenza, jekk ma ssir l-ebda laqgħa formali tal-Kunsill qabel id-9 ta' Ġunju 2021, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/430, kif estiża bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/556, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/702, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/970, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1253, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1659, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/26, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/454 u bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/825, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tat-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lin-Netherlands japplikaw rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku fornut direttament lill-bastimenti rmiġġati f'port f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE kif tinsab fid-dokument 8752/21;
- jaqbel dwar il-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni msemmija hawn fuq fil-Ġurnal Uffiċjali.

---